MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 950/2009/1

**Victor Muscat**

**v.**

**Jelad Almani**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mir-rikorrent fl-1 ta' Ottubru, 2009, li jaqra hekk:

"1. Illi l-attur huwa proprjetarju ta' fond *showroom* 219, "Fajsu Autodealer" li jinsab f'Naxxar Road, Birkirkara.

“2. Illi l-attur kien kera l-istess fond lill-konvenut permezz ta’ skrittura privata datata 26 ta’ Ottubru 2004.

“3. Illi fl-istess skrittura kien hemm miftiehem illi “jekk is-sid għal raġunijiet personali jrid ix-*showroom* lura, jrid javża lill-kerrej 6 xhur bil-quddiem”.

“4. Illi l-attur kien, permezz ta’ ittra ufficjali datata 22 ta’ Lulju 2008, interpella lill-konvenut illi kellu bżonn jieħu lura l-istess *showroom*.

“5. Illi l-konvenut għalhekk qiegħed jokkupa l-fond in kwistjoni mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

“6. Illi l-konvenut m’għandux eċċezzjonijiet validi x’jagħti in kontro-trattazzjoni għat-talbiet attriċi u għalhekk jippersistu ċ-ċirkostanzi kontemplati fl-artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

“Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

“i) Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-artikoli 167-170 tal-Kap. 12.

“ii) Tordna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju, li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tipprefiġġi, jiżgombra mill-fond *showroom* 219, “Fajsu Autodealer” li jinsab f’Naxxar Road, Birkirkara, u dan prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuna, inkluż dikjarazzjoni li l-konvenut qiegħed jokkupa l-imsemmi fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

“Bl-ispejjeż u l-konvenut inġunt in subizzjoni.”

Rat id-digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Novembru, 2009 li permezz tieghu cahdet it-talba tal-konvenut biex jipprezenta risposta u jikkontesta t-talba tal-attur stante li dehrilha li ma kellux eccezzjoni valida xi jressaq;

Rat is-sentenza moghtija mill-istess Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Novembru, 2009, li in forza taghha, wara li ddikjarat li t-talba attrici hija fondata u timmerita li tigi milqugha, ipprocediet billi laqghet it-talbiet kollha attrici, u ghall-fini tat-tieni talba, ipprefiggiet terminu ta’ tlett xhur ghall-izgumbrament; l-ispejjez jithallsu mill-konvenut;

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-imsemmija sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Novembru 2009 fl-ismijiet fuq premessi billi tilqa’ dan l-Appell u ghalhekk tawtorizza lill-esponenti jipprezenta eccezzjonijiet ossia r-risposta bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur Victor Muscat.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi f’din il-kawza l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi zgumbrat mill-fond f’Naxxar Road, Birkirkara, peress li ghandu bzonn l-istess fond “ghar-ragunijiet personali” u dan ai termini tal-iskrittura ta’ lokazzjoni tas-26 ta’ Ottubru, 2004.

L-ewwel Qorti, wara li semghet dak li kellhom xi jghidu l-partijiet u l-konvenut bil-gurament, cahdet talba tal-konvenut biex jikkontesta l-kawza, u sussegwentement tat is-sentenza taghha billi laqghet it-talbiet attrici;

Il-konvenut appella mis-sentenza moghtija mill-Qorti fil-5 ta’ Novembru, 2009, u qed jissottometti li kellu jinghata opportunita` jikkontesta r-“ragunijiet personali” li ressaq l-attur in sostenn tat-talba tieghu;

Din il-Qorti, pero`, tirrileva li l-konvenut ma appellax mid-digriet tal-ewwel Qorti li in forza tieghu hu gie mcahhad mid-dritt li jikkontesta t-talbiet attrici. Hu kellu kull opportunita` jappella minn dan id-digriet flimkien mal-appell li ressaq mis-sentenza finali, izda naqas li jaghmel dan u ressaq appell mill-meritu biss. Din il-Qorti ma tistax

tittratta l-appell fil-meritu la darba d-digriet li bih l-ewwel Qorti cahdet it-talba ghall-kontestazzjoni mhux qed jigi attakkat, ghax skont l-Artikolu 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, darba li l-ewwel Qorti iddecidiet – b'digriet li ghadda in gudikat – li l-konvenut m'ghandux prima facie jedd li jikkontesta l-kawza, il-Qorti trid "tiddeciedi minnufih il-kawza, billi tilqa' t-talba tal-attur". Kwindi, l-Qorti hija marbuta li tilqa' t-talba tal-attur, la darba hemm gudikat li l-konvenut ma ghandux eccezzjoni xi jgib ghat-talba li saritlu ghall-izgumbrament. Id-digriet li bih l-ewwel Qorti cahdet it-talba tal-konvenut biex jikkontesta l-kawza inghata seduta stante fl-udejnza tal-5 ta' Novembru, 2009, u s-sentenza finali inghatat "aktar tard". Il-konvenut naqas milli jappella mid-digriet relattiv, u kwindi din il-Qorti hi marbuta li tqis li l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet validi xi jressaq.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, b'dan li t-terminu ta' tlett xhur impost mill-ewwel Qorti ghall-fini ta' zgumbrament ghandu jibda jiddekorri millum.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------